MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 769/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Francis Bonello (701850 M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Francis Bonello**

**Vs**

**Raymond Pace (178359 M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm400.18c (erba' mitt lira Maltin u tmintax-il centezmu) mill-konvenut rapprezentanti danni f'incident tat-traffiku kif spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn cahad li kien responsabbli ghall-incident.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li skond ir-*Road Accident Report* l-attur qal li kien:

“Jien kont tiela’ ‘l fuq lejn San Giljan, qabizni taxi u laqatni.”

Il-konvenut qal:

“Jiena kont tiela’ wara kju ta’ karozzi, qbizt fuq il-lane ta’ barra, kif ghaddejt minn hdejn vettura JOE 522 dan gibed fuq barra u laqatni.”

Illi fil-kawza l-partijiet ikkonfermaw il-verzjonijiet li taw lill-pulizija ezatt wara l-incident.

L-attur qal li kellu hsara fuq il-bieba tieghu u hsara mal-*mudguard* tal-lemin. L-attur cahad li ghamel xi manuvra biex jigbed fuq il-lemin.

Il-konvenut qal li kienet il-vettura ta’ l-attur li f’daqqa ressqet fuq il-lemin u laqtet il-vettura tieghu.

Hemm zewg verzjonijiet opposti. Iz-zewg partijiet sostnew li d-danni juru li huma ghandhom ragun.

Illi huwa maghruf li:

“F’kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b’tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anki jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort ta’ l-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun ta’ l-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova li allega bhala bazi ta’ l-azzjoni tieghu (Mallia noe Vs Anastasi PA 3/10/1996).”

Il-fatt li l-konvenut kellu hsara fuq wara u l-fatt li l-attur kellu hsara fuq il-bieba u fuq il-*mudguard* ma jfissirx necessarjament li wiehed mill-partijiet kellu tort.

Billi l-atturi ma gabux provi bizzejjed biex juru li l-incident gara tort tal-konvenut jichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------